# L-Erbgħa u Għoxrin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Il-Mulej nidem mill-ħsara li qal li kien se jagħmel lill-poplu tiegħu.*

Eż 32, 7-11. 13-14

**Qari mill-Ktieb tal-Eżodu**

F'dak iż-żmien, 7il-Mulej qal lil Mosè: «Mur u inżel, għaliex tħassar
il-poplu tiegħek, li inti tellajt mill-Eġittu. 8Malajr warrbu mit-triq li
jiena wrejthom: għamlu għalihom għoġol tal-metall imdewweb, niżlu
wiċċhom fl-art iqimuh, u offrewlu sagrifiċċju u qalu: "Dawn huma
l-allat tiegħek, Iżrael, li tellgħuk mill-art tal-Eġittu."»

9U l-Mulej issokta jgħid lil Mosè: «Jiena ħarist lejn dan il-poplu, u rajt
li hu poplu ta' ras iebsa. 10Ħallini waħdi, issa, ħalli nixgħel il-korla
tiegħi għalihom u neqridhom. U lilek nagħmlek ġens kbir.»

11Mosè mbagħad talab bil-ħniena quddiem il-Mulej, Alla tiegħu, u
qal: «Għaliex, Mulej, tixgħel bil-korla tiegħek għall-poplu tiegħek,
li int, b'ħila kbira u b'id qawwija, ħriġtu mill-art tal-Eġittu? 13Ftakar
f'Abraham, f'Iżakk u f'Iżrael, il-qaddejja tiegħek, li int ħliftilhom bik
innifsek u għedtilhom: "Inkattar in-nisel tagħkom bħall-kwiekeb
tas-sema, u din l-art kollha, li jien wegħedt, nagħtiha lil nisilkom
bħala wirt għal dejjem."»

14U l-Mulej nidem mill-ħsara li qal li kien se jagħmel lill-poplu tiegħu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 50 (51), 3-4.12-13. 17 u 19

R/. (Lq 15, 18): Inqum u mmur għand missieri

3 Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek;
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.
4 Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi;
naddafni mid-dnub tiegħi. R/.

12 Oħloq fija qalb safja, o Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija.
13 La twarrabnix minn quddiemek;
tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek. R/.

17 Iftaħli xufftejja, Sidi,
u fommi jxandar it-tifħir tiegħek.
19 Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla, hu l-qalb niedma;
qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex, o Alla. R/.

# Qari II

*Kristu Ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin.*

1 Tim 1, 12-17

**Qari mill-Ewwel Ittra ta’ San Pawl Appostlu lil Timotju**

12Għażiż, niżżi ħajr lil Kristu Ġesù Sidna, li tani l-qawwa għal dan
ix-xogħol u li deherlu li kienet tistħoqqli l-fiduċja tiegħu u għamilni
ministru tiegħu, 13lili li qabel kont dagħaj, persekutur u żeblieħi
tiegħu. Iżda sibt il-ħniena, għax dak li għamilt għamiltu bla ma kont
naf, billi kont għadni bla fidi. 14Anzi lili l-grazzja ta’ Sidna kienet
mogħtija bil-kotra, flimkien mal-fidi u mal-imħabba, li hi fi Kristu
Ġesù.

15Din hija kelma ta’ min jemminha u jilqagħha għalkollox: li Kristu
Ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin; u fosthom, lili l-ewwel
wieħed. 16Iżda jien minħabba f’hekk sibt il-ħniena, biex bija, bħala
l-ewwel wieħed, Kristu Ġesù juri s-sabar kollu tiegħu, b’eżempju
għal dawk li kienu għad iridu jemmnu fih biex ikollhom il-ħajja ta’
dejjem.

17Lis-Sultan ta’ dejjem, li ma jmutx u li ma jidhirx, lil Alla waħdu,
ġieħ u glorja għal dejjem ta’ dejjem! Ammen.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

2 Kor 5, 19

Hallelujah. ℟. Hallelujah
Alla kien li ħabeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta’ Kristu,
u fdalna l-ministeru ta’ din il-ħbiberija.
℟. Hallelujah

## Evanġelju

*Ikun hemm ferħ fost l-anġli ta' Alla għal midneb wieħed li jindem.*

Lq 15, 1-32

### Qari mill-Evanġelju skont San Luqa

F'dak iż-żmien, 1il-pubblikani u l-midinbin kienu jersqu lejn Ġesù
bi ħġarhom biex jisimgħuh. 2U kemm il-fariżej u kemm il-kittieba
kienu jgemgmu u jgħidu: «Nies midinba jilqa' għandu dan u jiekol
magħhom.»

3Ġesù qabad u qalilhom din il-parabbola: 4«Min hu dak fostkom li
jkollu mitt nagħġa u jitlef waħda minnhom, u ma jħallix id-disgħa u
disgħin l-oħra fid-deżert biex imur wara l-mitlufa sa ma jsibha?
5U meta jsibha, jifraħ biha u jerfagħha fuq spallejh, 6imur id-dar,
isejjaħ għandu lil ħbiebu u l-ġirien, u jgħidilhom: "Ifirħu miegħi,
għax sibt in-nagħġa li kienet intilfitli." 7Ngħidilkom li l-istess jiġri
fis-smewwiet: ikun hemm aktar ferħ għal midneb wieħed li
jindem milli għal disgħa u disgħin bniedem tajjeb li ma kellux
bżonn ta' ndiema.

8Jew min hi dik il-mara li jkollha għaxar drakmiet u titlef waħda
minnhom, li mhijiex sejra tixgħel il-musbieħ u tiknes id-dar, u tibqa'
tfittex bil-għaqal sa ma ssibha? 9U meta ssibha, issejjaħ għandha lil
ħbiebha u l-ġirien, u tgħidilhom: "Ifirħu miegħi, għax sibt id-drakma
li kienet intilfitli." 10Ngħidilkom jien li l-istess ferħ ikun hemm fost
l-anġli ta' Alla għal midneb wieħed li jindem.»

11Qalilhom ukoll: «Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied. 12Iż-żgħir
qal lil missieru: "Missier, agħtini s-sehem li jmiss lili mill-ġid." U dak
qassmilhom il-ġid. 13Ma kinux għaddew wisq ġranet, meta ż-żgħir
sarr kollox u telaq minn beltu lejn pajjiż imbiegħed, u hemmhekk
berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra. 14Meta ħela kulma kellu, fuq dak
il-pajjiż waqa' ġuħ kbir, u beda jħoss ruħu fil-bżonn.

[15]U mar daħal ma' wieħed minn dak il-pajjiż, li bagħtu fir-raba'
tiegħu jirgħa l-ħnieżer. [16]Kien jixtieq kieku jimla żaqqu mqar
bil-ħarrub li kienu jieklu l-ħnieżer, imma ħadd ma kien jagħtih.
[17]Imbagħad daħal fih innifsu u qal: "Kemm lavranti ma' missieri
għandhom ħobż bix-xaba', u jien qiegħed hawn immut bil-ġuħ!
[18]Ħa nqum u mmur għand missieri, u ngħidlu: Missier, dnibt kontra
s-sema u kontra tiegħek; [19]ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek;
żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek." [20]Qam, u telaq għal għand
missieru.

Iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja
waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu. [21]Qallu ibnu: "Missier, dnibt
kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek."
[22]Iżda l-missier qal lill-qaddejja tiegħu: "Isaw! Ġibulu l-isbaħ libsa
u xidduhielu, libbsulu ċ-ċurkett f'sebgħu u s-sandli f'riġlejh! [23]Ġibu
l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa, [24]għax dan
ibni kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab!" U għamlu festa.

[25]Mela ibnu l-kbir kien fl-għalqa. Huwa u rieġa' lura, kif wasal qrib
id-dar sama' daqq u żfin. [26]Sejjaħ wieħed mill-qaddejja u staqsieh
dak x'kien. [27]Qallu dak: "Hawn ħuk, u missierek qatillu l-għoġol
l-imsemmen, għax raġa' kisbu qawwi u sħiħ." [28]Hu inkorla, u ma
riedx jidħol ġewwa, iżda missieru ħareġ jitolbu jidħol. [29]Iżda hu
qal lil missieru: "Ara, ili dawn is-snin kollha naqdik, kelmtek ma
ksirthielek qatt, u kieku qatt tajtni gidi lili biex nagħmel ikla u nifraħ
ma' ħbiebi! [30]Imbagħad jiġi dan ibnek, li belagħlek ġidek man-nisa
żienja, u lilu toqtollu l-għoġol l-imsemmen!" [31]Wieġbu missieru:
"Ibni, inti dejjem miegħi, u kulma hu tiegħi huwa tiegħek. [32]Imma
kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk kien mejjet u
raġa' qam, kien mitluf u nstab."»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

*Jew il-forma l-qasira*

## Evanġelju

***Ikun hemm ferħ fost l-anġli ta' Alla għal midneb wieħed li jindem.***

Lq 15, 1-10

### ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Luqa

F'dak iż-żmien, [1]il-pubblikani u l-midinbin kienu jersqu lejn Ġesù
bi ħġarhom biex jisimgħuh. [2]U kemm il-Fariżej u kemm il-kittieba
kienu jgemgmu u jgħidu: «Nies midinba jilqa' għandu dan u jiekol
magħhom.»

[3]Ġesù qabad u qalilhom din il-parabbola: [4]«Min hu dak fostkom li
jkollu mitt nagħġa u jitlef waħda minnhom, u ma jħallix id-disgħa u
disgħin l-oħra fid-deżert biex imur wara l-mitlufa sa ma jsibha?
[5]U meta jsibha, jifraħ biha u jerfagħha fuq spallejh, [6]imur id-dar,
isejjaħ għandu lil ħbiebu u l-ġirien, u jgħidilhom: "Ifirħu miegħi,
għax sibt in-nagħġa li kienet intilfitli." [7]Ngħidilkom li l-istess jiġri
fis-smewwiet: ikun hemm aktar ferħ għal midneb wieħed li jindem
milli għal disgħa u disgħin bniedem tajjeb li ma kellux bżonn ta'
ndiema.

[8]Jew min hi dik il-mara li jkollha għaxar drakmiet u titlef waħda
minnhom, li mhijiex sejra tixgħel il-musbieħ u tiknes id-dar, u tibqa'
tfittex bil-għaqal sa ma ssibha? [9]U meta ssibha, issejjaħ għandha lil
ħbiebha u l-ġirien, u tgħidilhom: "Ifirħu miegħi, għax sibt id-drakma
li kienet intilfitli." [10]Ngħidilkom jien li l-istess ferħ ikun hemm fost
l-anġli ta' Alla għal midneb wieħed li jindem.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu